



BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI

ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT 2015

CT/CA-008/2014MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

- A. INTRODUZZJONI ĠENERALI
- B. PREZZIJET 2015
- C. DĦUL
- D. INFIQ
- E. ATTIVITAJIET

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – FARSA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL 2015

IV. DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ 2015

ANNES 1 – TABELLA TAL-PERSUNAL

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

L-abbozz preliminari tal-baġit 2015 fih:

- A. Din l-introduzzjoni ġenerali.
- B. Deskrizzjoni tal-prezzijiet taċ-Ċentru għas-sena 2015.
- C. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, li jinkludi l-pagamenti magħmula mill-korpi li jaħdem għalihom iċ-Ċentru, u mill-istituzzjonijiet u l-korpi li magħhom intlaħaq qbil fuq il-kollaborazzjoni tax-xogħol imwettaq minnu, inkluż attivitajiet interistituzzjonali. Sussidju Komunitarju u għotja mill-Gvern tal-Lussemburgu bħala appoġġ għall-ispejjeż tal-keras taċ-Ċentru huma inklużi wkoll fid-dħul.
- D. L-infiq taċ-Ċentru strutturat skont it-titolu; u
- E. Id-distribuzzjoni tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta bejn l-abbozz preliminari tal-baġit għall-2015 u l-programm ta' ħidma preliminari għall-2015, u jidentifika r-riżorsi allokat għal kull attività biex jintlaħqu l-miri strateġiċi taċ-Ċentru. Dan il-baġit jindirizza wkoll l-istruttura konvenzjonali tal-baġit.

L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'ewro.

B. PREZZIJET 2015

Il-prezzijiet proposti għall-2015 jibqgħu l-istess bħal fl-2014. Bħal fis-snin preċedenti, iċ-Ċentru ser jagħmel eżerċizzju ta' analiżi tal-ispejjeż għal sitt xhur f'Lulju 2014, qabel ir-reviżjoni tat-tbassir għall-2015, li mistennija ssir f'Awwissu 2014.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-prezzijiet proviżorji applikabbli għall-2015:

Servizz offrut	Normali (EUR)	Skedati/Bil-mod (EUR)	Urġenti (EUR)	Urġenti ħafna (EUR)
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	92.00	82.80	115.00	165.60
Modifikazzjoni (prezz għal kull paġna)	180.00	162.00	225.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	60.00	54.00	75.00	
Editjar (prezz għal kull paġna)	45.00	40.50	56.25	
Marki kummerċjali (prezz għal kull paġna)	EUR 42.03 għal 356,092 paġna (arranġament bilaterali)			
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)	EUR 4.00			
Listi ta' termini (prezz għal kull terminu)	EUR 4.00			
Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu)	EUR 2.50			
Konsultazzjoni lingwistika, terminoloġija	EUR 900 għal kull persuna kuljum			
Verifika tal-kwalità ex-post għat-traduzzjoni tal-marki kummerċjali	EUR 900 għal kull persuna kuljum (50% tal-ispejjeż totali, arranġament bilaterali)			

Żidiet fit-tariffi

Tip ta' dokument	Spiża addizzjoni għal kull paġna, f'EUR
Format kumpless	15.00
Kunfidenzjali	20.00
Lingwa mhux tal-UE	10.00


C. DĦUL

Id-dħul totali previst għall-2015 huwa ta' EUR 45.7 miljun imqassam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	39 234 600
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (Istituzzjonijiet Ewropej)	2 688 100
4. Dħul ieħor	363 250
5. Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	3 434 350

It-tbassir tad-dħul taċ-Ċentru f'Titoli 1-4 jammonta għal EUR 42.3 miljun fl-2015. Dan hu tnaqqis ta' 2.3% meta mqabbel mat-tbassir għall-2014 u ta' 15.8% meta mqabbel mal-eżitu għall-2013. F'dan il-kuntest, għandu jkun imsemmi li ċ-Ċentru rreveda l-prezzijiet għall-2014, billi kkonsidra ż-żieda mis-snin ta' qabel u r-'Riżerva għall-istabbilizzar tal-prezzijiet' ikkreata fl-2011. Dik ir-reviżjoni inkludiet tnaqqis ta' 5.2% fil-prezz ta' traduzzjonijiet standard. Il-bidla fit-tbassir u d-dħul reali hija murija fit-tabella t'hawn taħt.

Tabella 1 - Dħul għal kull titolu u sena, 2013-2015 (Titoli 1, 3 u 4)



Bħal fis-snin ta' qabel, il-klijenti taċ-Ċentru ġew mitluba jagħtu l-estimi tagħhom għall-abbozz preliminari tal-baġit għall-2015. Dan it-tbassir kien ibbażat fuq il-prezzijiet tal-2014, approvat mill-Bord ta' Amministrazzjoni. Bħalma ġeneralment jiġri waqt it-tbassir għall-abbozz preliminari tal-baġit, ħafna klijenti ssottolinjaw l-inċertezza tat-tbassir tagħhom. Abbażi tal-informazzjoni tal-klijenti, id-dħul imbassar għal Titoli 1 u 3 huwa ta' EUR 41.9 miljun, li huwa EUR 973 000 (2.3%) inqas mill-baġit għall-2014. It-tbassir għal 14-il klijent huwa oġġla minn dak fl-2014, filwaqt li 18-il klijenti bassru li se jkollhom inqas xogħol. Kien hemm 26 klijent li t-tbassir tagħhom baqa' l-istess, u f'ħafna każijiet iċ-Ċentru ma rċieva ebda informazzjoni mingħand il-klijenti u għaldaqstant inkluda l-istess ammont bħal fl-2014.

Apparti mid-dħul mingħand il-klijenti u l-kooperazzjoni interistituzzjonali, iċ-Ċentru ppreveda dħul ieħor fil-forma ta' mgħax mill-bank ta' EUR 120 000 u għotja ta' EUR 243 250 mill-Gvern tal-Lussemburgu bħala sostenn għall-ispejjeż tal-kiri taċ-Ċentru.

Fl-abbozz preliminari tal-baġit 2015, iċ-Ċentru uża l-possibbiltà ta' trasferiment għad-dħul tar-riżorsi minn żewġ fondi ta' riżerva maħluqa fis-snin preċedenti. Il-baġit jinkludi EUR 815 000 fi dħul f'forma ta' trasferiment mir-'Riżerva għal investimenti speċjali'. Dan l-ammont jikkorrispondi mal-infiq imbassar għall-programm elettroniku CdT fl-2015, li ilu jitniżżel f'Kapitolu 32 sa mill-2014. Barra minn hekk, iċ-Ċentru trasferixxa lejn id-dħul parti mir-'Riżerva għall-istabbilizzar tal-prezzijiet' imwaqqfa fl-2011 (EUR 2 619 350). Dan it-trasferiment jibbilanċja l-baġit u jippermetti li iċ-Ċentru biex jipprovdi lill-klijenti tiegħu bl-istess prezzijiet kif ukoll inaqas iż-żieda fil-baġit, filwaqt li jkompli jipprovdi servizzi ta' kwalità għolja u jaqdi l-obbligazzjonijiet regolatorji kollha. Sa mill-ħolqien tagħha fl-2011, ir-'Riżerva għall-istabbilizzar tal-prezzijiet' żdiedet fl-2012 u fl-2013, u parti minnha se tintuża wkoll fl-baġit għall-2014.


Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fit-taqsima E, "Attivitajiet", u parti III, "Dikjarazzjoni tad-dħul 2015".

D. INFIQ

Iċ-Ċentru naqqas l-infiq imbassar għal Titoli 1-3 b'4.7% meta mqabbel mal-baġit għall-2014. Ġeneralment, it-tnaqqis seta' jsir f'Titolu 1 billi l-estimi tar-rata ta' turnover u ż-żmien meħtieġ biex jimtlew karigi battala; f'Titolu 2 billi ġie kkunsidrat l-effett li jkun okkupat bini wieħed biss ta' uffiċini; u f'Titolu 3 billi ġiet riveduta l-ħtieġa ta' servizzi ta' traduzzjoni freelance. F'Titolu 2, madankollu, il-bidla sħiħa hija żieda ta' 2.1%, minħabba aġġustament fil-prezz tal-kirja, l-inċertezza fir-rigward tat-tariffi u spejjeż relatati oħra mal-bini, u l-ħtieġa li jsir investiment f'għodod u sistemi tal-IT biex ikun provdut servizz ġdid u mtejjeb għall-klijenti taċ-Ċentru.

Ħarsa ġenerali lejn l-infiq skont it-titolu, fosthom paragun mal-baġit tal-2014 u l-eżitu għall-2013, hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 2 - Nfiq skont it-titolu u s-sena, 2013-2015



Titolu 1, PERSUNAL

Il-baġit għal Titolu 1 huwa 4.7% inqas minn dak għall-2014. In-numru totali ta' impjegji fit-tabella tal-persuna, baqgħet l-istess - 203 impjegji. Madankollu, iċ-Ċentru analizza u bassar ir-rata ta' turnover u ż-żmien meħtieġ biex jimtlew l-impjegji battala, u għaldaqstant ma' warrabx baġit għall-implimentazzjoni sħiħa tat-tabella tal-persunal matul is-sena sħiħa tal-2015. Biex ma jkunx friskju li jagħmel estimi żejda dwar l-infiq, u għalhekk il-ħtieġa ta' dħul, il-baġit għal Titolu 1 huwa deliberatament ristrett fl-2015. Meta jkun qed jipprepara l-abbozz tal-baġit għall-2015, iċ-Ċentru ser jerġa' jirrevedi r-rata ta' turnover u l-ħarsien sħiħ tat-tabella tal-persunal, biex jivvaluta jekk il-baġit attwali hux biżżejjed.

Meta mqabbel mal-2014, l-abbozz preliminari tal-baġit għall-2015 jinkludi possibbiltà ta' aġġustament fis-salarju ta' 0.9% għal sitt xhur. Il-baġit jippermetti wkoll għal promozzjonijiet u l-avvanzi ta' kull sentejn fil-passi ta' bejn il-gradji. Dawn it-tliet fatturi jispjegaw iż-żieda f'Partita 1100 ('Salarji Bażiċi') mill-2013 sal-2015.

Minħabba li xi karigi sfaw battala matul is-sena, u biex ikopri l-persunal fuq liv fit-tul, il-baġit għal persunal kuntrattwali żdied meta mqabbel mal-2014. Madankollu, madwar nofs dik iż-żieda ġejja minħabba tnaqqis fl-appropriazzjonijiet għall-persunal tal-aġenzija. B'mod ġenerali, iċ-Ċentru ser ikompli jikkonverti, fejn ikun possibbli fil-qasam tas-sostenn, impjegji temporanji u uffiċjali f'persunal kuntrattwali b'kuntratti fit-tul. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Parlament naqqsu l-previżjonijiet tagħhom għal Partiti 1420 u 1630, intiżi għall-parteċipazzjoni fil-Kumitat dwar l-Attivitajiet Soċjali u iċ-Ċentru għat-Tfal Żgħar Ħafna.

L-aġġustamenti tas-salarji annwali għall-2011 u l-2012 għadhom mhumieq ċerti. Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u meta jkun ikkunsidrat li l-Kummissjoni tista' tipproponi aġġustament ta' 0.9% fis-sena, iċ-Ċentru warrab riżerva li fiha approprjazzjonijiet ekwivalenti għal aġġustamenti għall-2011-2012 tal-infiq tal-persunal fl-2015. Dan l-ammontt, EUR 404 700, jinsab taħt Titolu 10, Partita 10005.

Titolu 2, BINI, APPARAT U INFIO MIXXELANJU OPERATTIV

Il-baġit għal Titolu 2 żdied bi 2.1% meta mqabbel mal-2014. Il-fatturi li influwenzaw din iż-żieda huma: l-aġġustament fil-prezz tal-kirja tal-bini tal-uffiċċju, iż-żieda fis-servizzi mwettqa fiċ-Ċentru tad-Dejta, u l-investment ippjanat f'għodda u sistemi ġodda tal-IT biex jipprovdu servizzi ġodda u mtejbja għall-klijenti taċ-Ċentru, kif imsemmija fil-programm ta' ħidma preliminari għall-2015. Barra minn hekk, minħabba li l-ispejjeż veri relatati mal-bini ser ikunu magħrufa wara sena ta' domiciljar, iċ-Ċentru mexa b'kawtela fir-rigward tal-baġit għal din it-tip ta' nefqa. Din għandha effett fuq Partiti 2000 ('Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati'), 2020 ('Ilma, gass, dawl u tişhin') u 2030 ('Indafa u manutenzjoni'). Iż-żieda drastika f'Partita 2010 ('Ilma, gass u tişhin') meta mqabbla mal-2013 hija minħabba l-kondizzjonijiet preferenzjali ta' kiri għal wieħed mill-bini preċedenti okkupat miċ-Ċentru.

Mill-banda l-oħra, iċ-Ċentru naqqas il-baġit għas-servizzi esterni tal-IT (Partita 2120) bi kważi 5% meta mqabbel mal-2014, u diversi punti oħra wkoll għandhom baġits iktar baxxi mill-2014, bejn minħabba r-rilokazzjoni u bejn minħabba l-baġit għall-2014 inklużi attivitajiet ta' darba bħat-llet laqgħat tal-Bord ta' Amministrazzjoni u seminar għal tradutturi freelance.

Titolu 3, INFIO OPERATTIV

L-appropriazzjonijiet għal Titolu 3 tnaqqsu b'7.0% meta mqabbel mal-eżitu tal-2014, u żdiedu bi 2.6% meta mqabbel mal-eżitu għall-2013. Fl-2013, l-infiq għall-programm elettroniku CdT tniżżlu taħt Titolu 2, u din il-bidla fil-mod kif jitniżżlu l-ispejjeż tispijega bis-sħiħ iż-żieda sħiħa mill-2013 'il quddiem.

L-appropriazzjonijiet għal Partita 3000, 'Servizzi esterni ta' traduzzjoni', huma anqas minn dawk fl-2014. In-numru ta' paġni ta' marki kummerċjali mbassra li jridu jiġi tradotti huwa 10% inqas minn dak fl-2014 u 30% inqas minn dak fl-2013, u dan huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin għat-tnaqqis fl-ispiża mbassra. Għad-dokumenti, in-numru totali ta' paġni mbassra huwa kważi l-istess bħal fl-2013 u l-2014. Madankollu, il-volumi ta' traduzzjoni u modifikazzjoni mistennija jonqsu fl-2015, u dan jikkorrispondi mat-tieni raġuni ewlenija għal approprjazzjonijiet imnaqqsa. Il-klijenti bassru hteġġa ferm ogħla għal servizzi ta' editjar fl-2015, iżda peress li s-servizz għandu l-iktar spiża baxxa (kemm għaċ-Ċentru kif ukoll għall-klijenti), din iż-żieda kellha impatt iżgħar mill-volumi baxxi tat-traduzzjoni.

L-iżvilupp tal-programm elettroniku CdT ser ikompli fl-2015. Il-baġit totali annwali hu ta' EUR 815 000, meta mqabbel ma' EUR 937 000 fl-2014. Il-baġit għas-servizzi konsultattivi tal-IT żdied bi 8.3%, iżda l-baġit għall-ħardwer u s-softwer naqqas b'86.1%, peress li x-xiri ewleni se jsir fl-2014, u EUR 29 000 biss huma mbassra għall-2015.

Titolu 10, FONDI TA' RIŻERVA

lċ-Ċentru warrab approprjazzjonijiet ekwivalenti għall-effett tal-aġġustamenti tas-salarji 2011-2012 fl-infiq tal-persunal 2015. L-ammont, EUR 404 700, huwa mniżżel taħt Partita 10005, 'Riżerva għaż-żieda miġġielda fis-salarji', u tikkorrispondi għal żieda ta' 0.9% għal kull waħda mis-sentejn.

E. ATTIVITAJIET

lċ-Ċentru ddefinixxa erba' attivitajiet: Attività prinċipali: traduzzjoni; 2) Attivitajiet ta' sostenn; 3) Attivitajiet ta' esternalizzazzjoni; u 4) Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni. Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2015 huma allokat i għad-diversi attivitajiet, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji f'Titoli 1 u 2 huma allokat i abbażi tar-riżorsi umani użati għal kull attività. Dan il-kalkolu jikkonsidra d-distribuzzjoni tat-tipi differenti ta' karigi, gradi, u għaldaqstant spejjeż tas-salarji. Id-dettalji huma stabbiliti fil-programm ta' ħidma taċ-Ċentru għall-2015.

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attività prinċipali: traduzzjoni	65.1%	73.8%	33 746 799
Attivitajiet ta' appoġġ	25.7%	15.3%	6 987 354
Attivitajiet ta' esternalizzazzjoni	2.3%	3.5%	1 587 894
Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni	6.9%	6.5%	2 993 553
Approprjazzjonijiet f'Titolu 10, 'Fondi ta' Riżerva', mhux allokat i għal attività		0.9%	404 700
Total	100%	100%	45 720 300

1: ATTIVITÀ PRINĊIPALI: TRADUZZJONI

L-attività ewlenija taċ-Ċentru tikkonsisti fis-servizzi lingwistiċi, essenzjalment it-traduzzjoni, l-emendar, ir-reviżjoni u l-editjar ta' dokumenti, flimkien mat-traduzzjoni tal-marki kummerċjali Komunitarji, disinji u listi ta' termini, b'konformità mal-kriterji stabbiliti ta' kwalità u fiż-żmien id-dati ta' skadenza (il-prijorità ewlenija tal-istrateġija taċ-Ċentru).

Din l-attività tuża 65.1% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u tikkonsma 73.8% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-appropriazzjonijiet kollha ta' Kapitolu 30 u l-parti tal-appropriazzjonijiet relatati ma' din l-attività f' Titoli 1 u 2.

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru totali ta' pagħni u l-listi tat-termini previsti għall-2015 u l-2014 u d-dħul previst. Il-previżjoni tal-volum tat-traduzzjoni, f'numri ta' pagħni għal kull klijent, tinsab f'taqsima III, "Dikjarazzjoni tad-dħul 2015".

	2015	2014	% 2015-2014
Numru totali ta' pagħni previsti	642 293	682 342	-5.9%
Numru totali ta' listi ta' termini previsti*	255 330	139 590	82.9%
Dħul totali previst minn traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini	41 238 700**	42 238 500***	-2.4%

*Fosthom il-listi ta' termini u d-disinji Komunitarji. 16 830 tat-termini fl-2015 huma disinji Komunitarji, u 235 400 huma termini oħra mill-UASI.

**Fosthom EUR 941,600 li jikkorrispondu għal-listi ta' termini mill-UASI (li ma jinkludux disinji Komunitarji)

***Fosthom EUR 500,800 li jikkorrispondu għal-listi ta' termini mill-UASI (li ma jinkludux disinji Komunitarji)

2: ATTIVITAJIET TA' SOSTENN

Minħabba li jaħdem bħala korp awtonomu tal-UE, iċ-Ċentru jeħtieġ persunal ta' appoġġ amministrattiv u tekniku biex iwettaq kompiti relatati mar-riżorsi umani, l-akkwist pubbliku, il-kontabbiltà preċiża u vijabbli, l-infrastrutturi u l-loġistika, u b'mod partikolari jipprovdi kwalunkwe assistenza meħtieġa għall-attivitajiet operattivi ewlenin tiegħu.

L-attivitajiet ta' sostenn jużaw 25.7% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u jikkonsmaw 15.3% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-appropriazzjonijiet kollha ta' Kapitolu 32 u l-parti tal-appropriazzjonijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet f'Titoli 1 u 2.

3: ATTIVITAJIET TA' ESTERNALIZZAZZJONI

Dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jipromwovu liċ-Ċentru u s-servizzi ta' traduzzjoni tiegħu, prinċipalment permezz tal-komunikazzjoni mal-klijenti taċ-Ċentru u partijiet interessati oħra. Jittrattaw ukoll mat-tieni missjoni taċ-Ċentru: biex jikkontribwixxu għar-razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri fil-qasam tat-traduzzjoni Komunitarja permezz ta' kooperazzjoni interistituzzjonali.

Din l-attività tuża 2.3% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u tikkonsma 3.5% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-appropriazzjonijiet kollha ta' Kapitolu 31 u l-parti tal-appropriazzjonijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet f'Titoli 1 u 2.

4: ATTIVITAJIET TA' ĠESTJONI U SUPERVIŻJONI

It-tmexxija taċ-Ċentru għandha l-obbligu li tiżgura l-konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u mar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-korpi u l-istituzzjonijiet tal-UE, sabiex jiġu żgurati l-affidabbiltà, il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet tiegħu u l-effikaċja tal-istandards ta' kontroll intern tiegħu, u biex jiġi żgurat ir-rispett lejn is-sistema tiegħu ta' ġestjoni tal-kwalità.

Din l-attività tuża 6.9% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u tikkonsma 6.5% tal-baġit totali, jiġifieri l-proporzjon tal-appropriazzjonijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet f'Titoli 1 u 2.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – HARSJA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013
	DĦUL			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI	39 234 600	39 757 500	46 590 403
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	2 688 100	3 138 400	3 142 164
4	DĦUL IEĦOR	363 250	363 250	478 264
5	EĊĊESS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	3 434 350	5 043 650	
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0
	TOTAL	45 720 300	48 302 800	50 210 831
	INFIQ			
1	PERSUNAL	24 047 800	25 243 200	22 590 432
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	6 062 800	5 937 600	6 157 333
3	INFIQ OPERATTIV	15 205 000	16 345 000	14 815 797
10	FONDI TA' RIŻERVA	404 700	777 000	0
	TOTAL	45 720 300	48 302 800	43 563 562

III. DIKJARAZZJONI TAD-DFUL 2015

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, UFFIĊĊJI, ISTITUZZJONIJIET U KORPI				It-tbassir f'termini ta' volum għal kull klijent huwa inkluż fil-kolonna taħt 'Rimarki'. Jekk ma tingħatax speċifikazzjoni, it-tbassir huwa għat-traduzzjoni/reviżjoni/editjar/modifikazzjoni tad-dokumenti.
1 0	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, UFFIĊĊJI, ISTITUZZJONIJIET U KORPI				
1 0 0	Pagamenti mill-aġenziji, uffiċċji, istituzzjonijiet u korpi				Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emedat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
1 0 0 0	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	165 600	300 000	310 685	1 768 paġna
1 0 0 1	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	240 900	245 900	276 125	2,512-il paġna
1 0 0 2	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	381 900	343 600	230 802	3,494 paġna
1 0 0 3	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	4 063 100	3 986 200	3 823 962	37,889 paġna
1 0 0 4	Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	699 800	700 300	558 344	7,540 paġna
1 0 0 5	Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)	8 745 500	7 341 100	8 322 618	Dokumenti: 71 941 paġna; listi ta' termini: 235 400 terminu; Disinji Komunitarji: 16 830 terminu; editjar lingwistiku: 31,803 paġna.
1 0 0 6	Marki kummerċjali tal-UASI	14 966 500	15 906 000	18 726 809	Marki kummerċjali Komunitarji: 356,092 paġna.
1 0 0 7	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	120 000	120 000	105 669	1,304 paġna
1 0 0 8	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	258 500	179 000	142 276	2,810 paġna
1 0 0 9	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)	515 200	600 700	694 507	5,480 paġna
	<i>Artikolu 1 0 0 – Total</i>	30 157 000	29 722 800	33 191 797	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
1 0 1					
1 0 1 0	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)	97 100	70 900	119 761	1,006 paġni
1 0 1 2	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	615 300	615 300	1 026 498	6,688 paġna
1 0 1 4	Bank Ewropew tal-Investment (BEI)	p.m.	p.m.	17 969	
1 0 1 5	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	352 200	396 400	366 108	3,483 paġna
1 0 1 6	Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)	166 000	5 000	166 446	1,804 paġni
1 0 1 7	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	130 100	213 000	78 548	1,382 paġna
1 0 1 8	Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)	875 000	1 400 000	1 145 500	10,567 paġna
1 0 1 9	Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA)	450 000	450 000	932 565	4,891 paġna
	<i>Artikolu 1 0 1 – Total</i>	2 685 700	3 150 600	3 853 395	
1 0 2					
1 0 2 0	Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerk u l-Infommazzjoni (ENISA)	70 000	98 800	99 647	761 paġna
1 0 2 1	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	46 400	83 500	57 514	500 paġna
1 0 2 2	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruniteri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX)	350 300	305 800	390 081	4,171 paġna
1 0 2 3	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)	705 200	599 200	408 288	7,524 paġna

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
1 0 2 4	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)	14 600	14 600	22 720	159 paġna
1 0 2 5	Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)	28 300	110 000	116 121	308 paġni
1 0 2 6	Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel (Chafea)	86 500	86 500	139 995	940 paġna
1 0 2 7	Aġenzija Ewropea GNSS (GSA)	6 300	6 300	2 861	69 paġna
1 0 2 8	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	5 000	5 000	9 094	54 paġna
1 0 2 9	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	1 824 900	2 485 900	3 048 557	17,610 paġnai
	<i>Artikolu 1 0 2 – Total</i>	3 137 500	3 795 600	4 294 878	
1 0 3					
1 0 3 0	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	100 000	160 000	168 107	896 paġna
1 0 3 1	Fużjoni għall-Enerġija (F4E)	50 000	50 000	93 193	543 paġna
1 0 3 2	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC)	p.m.	p.m.	0	
1 0 3 3	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA)	26 100	26 100	49 465	284 paġna
1 0 3 4	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	50 000	34 900	15 479	637 paġna
1 0 3 5	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)	10 500	25 900	10 203	117-il paġna
1 0 3 6	Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA)	12 900	8 000	8 632	109 paġni
1 0 3 7	Impriża Konġunta "Clean Sky" (CSJU)	50 100	50 100	30 005	545 paġna

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
1 0 3 8	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	157 700	149 900	189 768	1,714-il paġna
1 0 3 9	Impriża Konġunta SESAR (SJU)	32 100	32 100	20 477	349 paġna
	<i>Artikolu 1 0 3 – Total</i>	489 400	537 000	585 329	
1 0 4					
1 0 4 0	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)	765 500	749 600	589 610	9,228 paġna
1 0 4 1	Impriża Konġunta ARTEMIS	10 700	10 700	4 462	116-il paġna
1 0 4 2	Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi (IMI)	19 200	19 200	34 445	209 paġni
1 0 4 3	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH JU)	8 500	8 500	14 849	92 paġna
1 0 4 4	Impriża Konġunta (ENIAC JU)	p.m.	p.m.	14 453	
1 0 4 5	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO)	448 800	448 800	1 398 136	4,878 paġna
1 0 4 6	Aġenzja għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	70 300	86 100	9 027	940 paġna
1 0 4 7	Awtorità Ewropea ta' Titoli u s-Swieq (ESMA)	150 400	150 400	667 806	1,635 paġna
1 0 4 8	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	253 300	253 300	535 521	2,753 paġna
1 0 4 9	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	746 000	376 200	1 226 365	8,109 paġni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
	<i>Artikolu 1 0 4 – Total</i>	2 472 700	2 102 800	4 494 674	
1 0 5					
1 0 5 0	Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elektronici (BEREC)	80 200	236 600	119 508	1,120 paġna
1 0 5 1	Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi kbar tal-IT fil-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (ue-LISA)	212 100	212 100	50 822	2,270 paġna
	<i>Artikolu 1 0 5 – Total</i>	292 300	448 700	170 330	
	KAPITOLU 1 0 - TOTAL	39 234 600	39 757 500	46 590 403	
	Titolu 1 - Total	39 234 600	39 757 500	46 590 403	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI				
2 0	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI				
2 0 0	<i>Sussidju mill-Kummissjoni</i>				Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
2 0 0 0	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	
	<i>Artikolu 2 0 0 – Total</i>	p.m.	p.m.	0	
	KAPITOLU 2 0 - TOTAL	p.m.	p.m.	0	
	Titolu 2 - Total	p.m.	p.m.	0	
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI				

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal-baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
3 0	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI				
3 0 0	Kooperazzjoni interistituzzjonali				L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
3 0 0 0	Kummissjoni Ewropea	1 081 600	1 310 400	1 681 175	Dokumenti: 10 478 paġna; termini: 3 000.
3 0 0 1	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 2	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	684 000	657 400	588 422	
3 0 0 3	Parlament Ewropew	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 4	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	431 200	474 800	244 069	6,885 paġna
3 0 0 5	Qorti Ewropea tal-Awdituri	30 000	30 000	14 149	326 paġna
3 0 0 6	Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 7	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 8	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	166 000	166 000	83 424	
	<i>Artikolu 3 0 0 – Total</i>	2 392 800	2 638 600	2 611 239	
3 0 1					
3 0 1 0	Bank Ċentrali Ewropew	66 800	40 900	22 038	Dokumenti: 750 paġna; termini: 100.
3 0 1 1	Ombudsman Ewropew	228 500	458 900	508 887	2,760 paġna
	<i>Artikolu 3 0 1 – Total</i>	295 300	499 800	530 925	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
	KAPITOLU 3 0 - TOTAL	2 688 100	3 138 400	3 142 164	
	Titolu 3 - Total	2 688 100	3 138 400	3 142 164	
4	DĦUL IEĦOR				
4 0	DĦUL IEĦOR				
4 0 0	Imgħaxijiet bankarji				Dan l-artikolu jkopri l-imgħaxijiet li ċ-Ċentru ser jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.
4 0 0 0	Imgħaxijiet bankarji	120 000	120 000	228 929	
	<i>Artikolu 4 0 0 – Total</i>	120 000	120 000	228 929	
4 0 1	Pagamenti varji mħallsa lura				Dan l-artikolu jkopri l-pagamenti varji mħallsa lura (telefonati privati, eċċ.).
4 0 1 0	Pagamenti varji mħallsa lura	p.m.	p.m.	6 085	
	<i>Artikolu 4 0 1 – Total</i>	p.m.	p.m.	6 085	
4 0 2	Sussidji oħra				
4 0 2 0	Għotja mill-Gvern tal-Lussemburgu	243 250	243 250	243 250	Din l-għotja annwali mill-Gvern tal-Lussemburgu hija bħala appoġġ għall-ispejjeż tal-kiri taċ-Ċentru.
	<i>Artikolu 4 0 2 – Total</i>	243 250	243 250	243 250	
	KAPITOLU 4 0 - TOTAL	363 250	363 250	478 264	
	Titolu 4 - Total	363 250	363 250	478 264	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
5	EĊĊESS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI				
5 0	EĊĊESS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI				
5 0 0	<i>Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti</i>				
5 0 0 0	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-2 ta' Jannar 2014.
	<i>Artikolu 5 0 0 – Total</i>	p.m.	p.m.	0	
5 0 1	<i>Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti</i>				
5 0 1 0	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għal investimenti speċjali'	815 000	937 000	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti speċjali' fl-2014 u l-2015 jikkorrispondu għall-ispejjeż fil-Kapitolu 32, 'Infiq relatat mal-programm elettroniku CdT'.
5 0 1 5	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal- prezzijiet'	2 619 350	4 106 650	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' huwa meħtieġ minħabba d-deċiżjoni taċ-Ċentru li jnaqqas il-prezzijiet ta' erbgħa mill-prodotti tiegħu fl-2014.
5 0 1 6	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni'	p.m.	p.m.	0	Ir-'Riserva għar-rilokazzjoni tal-ispejjeż' inħolqot u ntużat waqt ir-rilokazzjoni taċ-Ċentru fl-2013.
	<i>Artikolu 5 0 1 – Total</i>	3 434 350	5 043 650	0	
	KAPITOLU 5 0 - TOTAL	3 434 350	5 043 650	0	
	Titolu 5 - Total	3 434 350	5 043 650	0	
6	RIFUŻJONIJIET				
6 0	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI				

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
6 0 0	Rifużjonijiet lill-klijenti				
6 0 0 0	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
	<i>Artikolu 6 0 0 – Total</i>	p.m.	p.m.	0	
	KAPITOLU 6 0 - TOTAL	p.m.	p.m.	0	
	Titolu 6 - Total	p.m.	p.m.	0	
	TOTAL GLOBALI	45 720 300	48 302 800	50 210 831	

IV. DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ 2015

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
1	PERSUNAL				
11	PERSUNAL B'IMPJIEG ATTIV				
110	Persunal b'impjeg attiv				
1 1 0 0	Salarij bażiċi	14 095 200	14 613 900	13 198 972	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju. Iż-żieda mill-2013 hija minħabba promozzjonijiet u l-avvanzi tal-passi kull sentejn bejn il-gradji. It-tnaqqis apparagun mal-2014 huwa minħabba baġitjar iktar rett, meta wieħed jikkonsidra r-rata ta' turnover u l-impjegji battala matul is-sena.
1 1 0 1	Allokazzjonijiet tal-familja	1 395 000	1 440 800	1 281 975	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u t-Taqsima 1 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-alkokazzjonijiet tal-familja, il-wild dipendenti u l-edukazzjoni għall-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1 1 0 2	Allokazzjonijiet ta' espatriazzjoni u residenza barranija	2 177 300	2 259 200	2 120 714	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances tal-espatriazzjoni u r-residenza barranija għall-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1 1 0 3	Allokazzjoni segretarjali	20 200	23 100	23 046	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Dan l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-alkokazzjoni segretarjali mħallsa lill-uffiċjali u l-persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti xorthand jew tajpisti, operaturi tat-telex, tajpsetters, segretarji eżekuttivi jew segretarji ta' prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha fix-xahar qabel l-1 ta' Mejju 2004.
	<i>Artikolu 110 - Total</i>	17 687 700	18 337 000	16 624 707	
111	Persunal awżiljarju u persunal lokali				

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
1 1 1 3	Apprendisti	9 900	13 600	6 640	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-apprendisti.
1 1 1 5	Persunal kuntrattwali	1 136 000	1 032 600	913 106	Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t- <i>Titolu IV</i> tagħhom.
	<i>Artikolu 111 - Total</i>	1 145 900	1 046 200	919 746	
112	<i>Taħriġ professjonali tal-persunal</i>				
1 1 2 0	Taħriġ professjonali tal-persunal	184 800	182 600	172 401	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.
	<i>Artikolu 112 - Total</i>	184 800	182 600	172 401	
113	<i>Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem</i>				
1 1 3 0	Assigurazzjoni kontra l-mard	479 200	496 900	469 448	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tagħhom. Regoli dwar l-assigurazzjoni tal-mard għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
1 1 3 1	Assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard minħabba x-xogħol	108 500	112 500	69 234	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 73 tagħhom u l-Artikolu 15 tal-Anness VIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem kontra aċċidenti u mard minħabba x-xogħol.
1 1 3 2	Assigurazzjoni kontra l-qgħad	148 800	150 000	115 550	Kondizzjonijiet ta' impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 28a tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex jiġi assigurat il-persunal temporanju kontra l-qgħad.
1 1 3 3	Kostituzzjoni jew żamma tad-drittijiet tal-pensjoni	p.m.	p.m.	0	Kondizzjonijiet ta' impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 42 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti miċ-Ċentru f'isem l-uffiċjali u l-persunal temporanju sabiex jikkostitwixxu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni tagħhom fil-pajjiż tal-oriġni tagħhom.
1 1 3 4	Kontribuzzjoni għall-iskema Komunitarja tal-pensjonijiet	3 054 600	3 571 000	2 902 584	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem taċ-Ċentru għall-iskema Komunitarja tal-pensjonijiet.

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Abbozz preliminari tal- baġit 2015	Baġit 2014	Eżitu 2013	Rimarki
	<i>Artikolu 113 - Total</i>	3 791 100	4 330 400	3 556 816	
114	Allokazzjonijiet u għotjiet varji				
1 1 4 0	Allokazzjonijiet għat-twelid ta' tarbija u mewt u għotjiet	1 000	1 000	0	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 70, 74 u 75 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri: - approprjazzjonijiet għall-għotjiet għat-twelid ta' tarbija għal ħamest itfal ta' persunal li fil-pajjiż ta' oriġni tiegħu ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni għal din ix-xorta ta' għotja; - f'każ ta' mewt ta' uffiċjal, il-ħlas tar-rimunerazzjoni sħiħa tal-persuna mejta sal-aħħar tat-tielet xahar wara x-xahar li fih seħħet il-mewt u l-ispejjeż tat-trasport tal-mejjet lejn il-pajjiż ta' oriġini tal-uffiċjal. F'każ ta' mewt, l-appropriazzjonijiet korrispondenti ser jiġu trasferiti mill-punt 1100.
1 1 4 1	Spejjeż tal-ivvjaġġar għal-lif annwali	252 100	294 000	262 452	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 8 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar b'rata waħda għall-uffiċjali jew il-persunal temporanju, il-konjuġi u d-dipendenti tagħhom mill-post tal-impjeg tagħhom għall-pajjiż ta' oriġini tagħhom.
1 1 4 3	Allokazzjonijiet ta' xogħol fiss	p.m.	p.m.	0	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-alkazzjonijiet ta' xogħol fiss għall-uffiċjali jew il-persunal temporanju li joħorġu b'mod regolari spejjeż ta' rappreżentanza matul il-qadi ta' dmirijiethom.
	<i>Artikolu 114 - Total</i>	253 100	295 000	262 452	
115	Sahra				
